MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**MARIO SCERRI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 23/2008

Mario u Michelle konjugi Vella

vs

Saviour Azzopardi

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba pprezentat fl-24 ta' Lulju 2008, li jghid hekk :-

'Ghid inti konvenut il-ghaliex m'ghandekx tigi kkundannat li thallas l-ammont ta' erba' mija wiehed u sebghin euro u tmienja u disghin centezmi (€471.98) ekwivalenti ghal mitejn u zewg liri Maltin u tnejn u sittin centezmi (Lm202.62c) dovuti bhala rifuzjoni ta' danni sofferti mill-atturi, u spejjez inkorsi minnhom per konsegwenza tal-mandat ta' inibizzjoni numru 245/08 fl-ismijiet : Saviour Azzopardi vs MEPA et' prezentat dolozament u malizzjosament kontra taghhom, liema mandat imbaghad

gie rtirat minnek proprju dakinhar illi suppost kellu jinstama.

Bl-interessi legali skond il-ligi.

Bl-ispejjez gudizzjarji inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-28 ta’ Mejju 2008, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt.’ ;

Il-konvenut permezz tar-risposta tieghu tat-2 ta’ Settembru 2008, eccepixxa illi :-

‘1. L-ammont ta’ erba’ mija u wiehed u sebghin Euro u tmienja u disghin centezmi (€471.98) huwa esagerat u mhux dovut fl-interezza tieghu ;

2. Illi skond il-ligi l-ammont dovut huwa dak li jigi ntaxxat ufficjalment mill-Qorti u kwalunkwe’ hlasijiet ohra (bhal periti mqabbda *ex parte*) mhumiex dovuti ;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.’ ;

Il-konvenut permezz tar-risposta ulterjuri tieghu tas-26 ta’ Novembru 2008, eccepixxa ulterjorment illi :-

‘In-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi l-mertu peress illi l-kwistjoni ventilata mhijiex *money claim* imma din hija kwistjoni sekondarja. Il-punt kardinali huwa jekk dan il-mandat giex prezentat ‘dolozament u malizzjosament’, u l-ligi stess tikkontempla r-rimedju fl-artikolu 836(8)(d) tal-Kodici tal-Procedura Civili. Ukoll fi kwalunkwe’ kaz l-atti jridu jigu prezentati quddiem il-Qorti li harget il-mandat kawtelatorju u mhux quddiem it-Tribunal b’kompetenza limitata f’Ghawdex.’ ;

Sama’ l-provi ;

Ra l-verbal tas-7 ta’ Jannar 2009, fejn il-konvenut iddikjara li huwa hallas l-ispejjez gudizzjarji kollha tal-mandat ta’ inbizzjoni numru 345/2008, kemm dawk relattivi ghall-atturi, kif ukoll dawk tal-MEPA skond it-taxxa ufficjali mahdum fit-28 ta’ April 2008, liema hlas pero’ gie accettat

mill-atturi bla pregudizzju ghad-dritt taghhom fuq il-kumplament tal-ispejjez li qed jigu minnhom reklamati. F'dan is-sens giet prezentata nota ta' riduzzjoni fl-udjenza tat-23 ta' Jannar 2009, li permezz taghha l-ammont fl-avviz tat-talba gie ridott ghal tliet mija u wiehed u sittin Euro u tmienja u disghin centezmi (€361.98) ;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha ;

Sama' lid-difensuri tal-partijiet ;

Ra li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza ;

Ikkunsidra :

Din hi kawza ta' reklam ta' spejjez in linea ta' danni li l-atturi nkorrew ruhhom fihom wara li ntalab fil-konfront taghhom u ta' ohrajn il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet : Saviour Azzopardi vs Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et (Mandat numru 345/08) li sar ad istanza tal-konvenut odjern, u li gie pprezentat fil-Prim'Awla Tal-Qorti Civili fil-5 ta' Marzu 2008, liema rikors kien imbaghad gie cedut mill-istess konvenut odjern fl-udjenza tal-14 ta' Marzu 2008, ghal liema gurnata kien gie appuntat is-smiegh tal-imsemmi rikors. L-atturi jikkontendu li dan il-mandat intalab mill-konvenut b'mod malizzjuz u dolozament, u ghaldaqstant il-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni li gew sofferti minnhom li skond huma jammontaw ghal erba' mija wiehed u sebghin euro u tmienja u disghin centezmi (€471.98) ;

Qabel ma dan it-Tribunal jghaddi biex jikkonsidra l-meritu, ser jidhol qabel u jiddisponi mill-kwistjoni mqajma mill-konvenut permezz tal-eccezzjoni ulterjuri li giet sollevata minnu dwar in-nuqqas ta' gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal. Din l-eccezzjoni hija wahda nfondata. It-talba tar-rikorrenti mhijiex diretta ghall-hlas tal-penali kif jikkontempla espressament l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap.12 citat mill-istess konvenut, izda l-atturi llimitaw il-pretensjoni taghhom ghall-hlas tal-ispejjez li skond huma, gew minnhom inkorsi biex setghu jiddefendu ruhhom ghall-mandat ta' inibizzjoni li l-konvenut kien talab il-hrug tieghu

fil-konfront taghhom ukoll, liema spejjez huma sahansitra inqas mill-minimu tal-penali li tikkontempla l-ligi taht l-artikolu 836(8)(d) tal-Kap.12. M'hemmx dubbju li l-pretensjoni tal-atturi ghall-hlas tal-ispejjez allegatament inkorsi minnhom tinkawdra ruhha fil-parametri tal-artikolu 3(2) tal-Kap.380 li jipprovdi li : 'Bla hsara ghas-subartikolu (5), it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ikollu gurisdizzjoni biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn tliet elef erbgha mija u erba' u disghin Euro (€3,494).' (sottolinear tat-Tribunal). Ma jidhlux fil-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal il-'kawzi li fihom jindahlu kwistjonijiet dwar proprjetà ta' beni immobbli, pizijiet jew jeddijiet ohra mghaqqdin ma' l-immobbli, ghad li t-talba ma tkunx tiskorri t-tliet elef erbgha mija u erba' u disghin Euro (€3,494), u kawzi ta' zgumbrament jew tkeccija minn beni immobbli', li certament dak kontemplat taht is-subartikolu (5) mhuwiex il-kaz taht ezami. Il-kwistjoni jekk il-mandat ta' inibizzjoni intalabx il-hrug tieghu malizzjosament u dolozament mill-konvenut hija kwistjoni li trid tigi kunsidrata fid-dawl tat-talba tal-atturi, li l-fondatezza o meno tal-pretensjoni taghhom mhux necessarjament tiddependi biss minn din il-kwistjoni ;

Ghaldaqstant din l-eccezzjoni qeghdha tigi michuda ;

Dan it-Tribunal ser jghaddi issa biex jikkunsidra l-kawza fil-meritu. Huwa utili qabel xejn, li jigu stabbiliti l-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni :-

1. Il-konvenut fir-rikors tieghu ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni talab lill-Qorti li tinibixxi lill-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u L-Ippjanar u lill-intimati l-ohra, ghalhekk ukoll lill-atturi odjerni milli 'jiddeciedu l-applikazzjoni numru 02781/06, liema applikazzjoni issejjah lil Mario Vella, u dan ghas-segwenti ragunijiet : 1. Illi l-intimat Mario Vella permezz ta' l-applikazzjoni numru 02781/06 talab li jsir zvilupp fuq proprjeta' ezistenti gewwa x-Xaghra, Ghawdex. Di fatti t-talba qeghda testwalment '*to construct rooms at roof level to form part of duplex and to sanction elevation*' fil-fond Mattew Court, Flat 3, Triq Patri Mattew Sultana, Xaghra, Ghawdex ; 2. Illi r-rikorrent sar jaf recentement illi din l-applikazzjoni tpoggiet fuq il-lista tas-

smiegh tal-Bord tal-MEPA maghruf bhala DCC B ghal ghada 6 ta' Marzu 2008, sabiex din l-applikazzjoni tigi deciza definittivament ; 3. Illi r-rikorrent tramite l-konsulent legali tieghu Dr. Anton Refalo diga' baghat ittra datata 25 ta' Frar 2008 (Dok.A), fejn talab lis-Sanita' sabiex tinvestiga dan il-kaz u dan peress li l-proprjeta' diga' mibnija hija ferm izjed gholja mis-sitt (6) metri permissibbli mill-ligi ghal dan il-kaz. Dan qieghed jinghad il-ghaliex l-isqaq li hemm biswit din il-propjeta' fih tliet (3) metri wisa' u ghalhekk skond il-ligijiet sanitarji, ma jistax isir zvilupp ta' aktar mid-doppju ta' din il-wisa'. Ghalhekk suppost li kull zvilupp kellu jkun ta' mhux aktar minn sitt (6) metri gholi ; 4. Illi f'dan il-kaz diga' hemm tliet (3) sulari li jigu izjed mis-sitt (6) metri permissibbli mill-ligi. Fil-fatt kien ghalhekk li l-intimat Vella talab *sanctioning* ; 5. Illi dwar l-ittra mibghuta lis-Sanita', hawn esibita, ir-rikorrent huwa nfurmat li din l-ittra ghalkemm dahlet fil-file tal-MEPA, ghad ma hemm l-ebda kumment jew risposta mis-Sanita' dwarha u ghalhekk, jekk ser tithalla li din l-applikazzjoni tigi deciza minghajr ma l-Bord tal-MEPA (DCC B) jkunu raw il-veduta tas-Sanita', hemm probabilita' kbira li din l-applikazzjoni tintlaqa' ; 6. Illi sahansitra l-istess *case officer* imqabbad mill-MEPA qieghed jirrakomanda li din l-applikazzjoni tigi rifjutata, izda r-rikorrenti ghandu suspetti fondati li minkejja tali rakkomandazzjoni xorta ser jinhareg il-permess relattiv ; 7. Ir-rikorrent qieghed jitlob ukoll illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' provvizorjament dan il-mandat a tenur tal-artikolu 875(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.' ;

2. Meta dan il-mandat gie nnotifikat lill-atturi, huma hassew il-htiega, kif kien xieraq u opportun, li jippreperaw id-difiza taghhom billi wiegbu r-rikors tal-konvenut bl-avukat, u oltre dan talbu l-assistenza tal-perit taghhom l-AIC Anna Maria Attard Montalto minhabba n-natura teknika tal-kwistjoni, pero' oltre dawn il-hlasijiet konnessi mal-ispejjez gudizzjarji u l-ispejjez tal-perit arkitett, l-atturi qeghdin jippretendu wkoll hlas tal-ispejjez extra-gudizzjarji tal-Avukat Francesco Depasquale, li kellhom jinkarigawh minflok l-Avukat Carmelo Galea peress li ma setghax jirrapprezentahom waqt is-smiegh tal-mandat, u l-ispejjez tat-tragitt taghhom u tat-telf tax-xoghol tal-attur biex mar Malta tliet darbiet in konnessjoni ma' dan il-mandat ;

Hu fil-kuntest ta’ dawn il-fatti pruvati u kif svolgew ruhhom illi dan t-Tribunal ghandu jinvestiga r-responsabbilita’ o meno tal-konvenut ghad-danni reklamati mill-atturi, bhala konsegwenza diretta tal-fatt li l-konvenut intavola kontra taghhom ir-rikors ghall-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni. Fis-sostanza l-azzjoni tentata mill-konvenut bit-talba tieghu ghall-hrug tal-mandat tinvolvi li jigi determinat f’liema mument l-uzu ta’ dan id-dritt jista’ jinghad li jsir abbuz u konsegwentement meta jirrikorru l-estremi tal-artikolu 1031 tal-Kodici Civili li jimponu li kull wiehed ghandu jwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu. Dan ghaliex il-principju fondamentali necessarjament ghandu jkun illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f’dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghall-hsara li bhala konsegwenza jista’ jbati haddiehor. *Qui suo iure utitur non videtur damnum facere*. Hu car ukoll illi d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, hu fost l-aqwa drittijiet li fl-ezercizzju tieghu c-cittadin bl-ebda mod ma ghandu jigi mxekkel. Jinkombi fuq ic-cittadin pero’ d-dover li ma jabbuzax minn dan id-dritt u jekk jabbuza jkun ritenut responsabbli ghad-danni provokati b’tali abbuz. Ir-responsabbilita’ o meno tal-konvenut ghad-danni reklamati tiddependi qabel xejn fuq ic-cirkostanzi li wassluh jitlob il-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni kontra l-atturi, u jekk dawn ic-cirkostanzi kienux tali li jiggustifikawh li hekk jaghmel biex jipprotegi dak, li fil-fehma tieghu kienu drittijiet tieghu li kienu qed jigu jew ser jigu vjolati. Inghad li ‘Ghar-rigward tal-azzjoni attrici immirata ghall-kundanna tal-imharrek ghad-danni minhabba u b'konsegwenza ta' hrug ta' Mandat kawtelatorju kollox irid jitqieghed fil-qafas ta' zewg principji ewlenin: l-ewwel wiehed huwa dak li min jirrikorri ghal jedd li ghandu ma jitqiesx li hu responsabbli ghal hsara mgarrba minn haddiehor minhabba l-uzu xieraq ta' dak il-jedd (*qui suo jure utitur neminem laedere videtur*); it-tieni wiehed huwa dak li l-jedd li wiehed ifittex ir-rimedji tieghu billi jirrikorri ghall-awtorita' gudizzjarja, minflok jiehu l-ligi b'idejh, m'ghandux jigi mxekkel bla bzonn. Il-Qrati taghna dejjem gharfu wkoll li l-jedd li wiehed idur ghal rimedji gudizzjarji ma ghandux jitbiddel f'abbuz tal-procedura bil-hsieb li, biex idejjaq jew b'mod fieragh, igib lill-parti avversarja f'qaghda li jkollha ccedi

ghar-rikatt, ghandha jew m'ghandhiex ragun. Kien ghalhekk ukoll li fil-qafas ta' kwestjonijiet ta' din l-ghamla, il-Qrati taghna, minn zmien ghal zmien, fissru l-limiti u c-cirkostanzi dwar fejn u kif jista' jitqies li jkun sehh abbuz mill-process gudizzjarju bi hsara ghal haddiehor. F'dan id-dawl ta' min jghid li *non era necessario che chi faceva istanza per la spedizione di un mandato cautelatorio avesse effettivamente il diritto che egli intendeva cautelare, essendo sufficiente che egli in buona fede credesse avere un simile diritto, al che rispondeva la parola 'pretensione''*. Il-fatt wahdu li persuna tkun bdiet procedura (maghduda maghha l-hrug ta' Mandati biex jikkawtelaw dik l-azzjoni) li, wara l-istharrig tal-Qorti, ma tigix milqugha, ma jfissirx b'daqshekk biss li kull procedura kienet saret b'abbuz tad-dritt li tirrikorri lejn il-Qorti. Illi, generalment, l-abbuz mill-procedura gudizzjarja jitqies biss f'kazijiet eccezzjonali li, x'aktarx, jintrabtu mal-qerq tal-persuna li tkun irrikorriet ghaliha jew mal-frugha tal-pretensjoni nfisha. Fejn ikun hemm element ta' agir fieragh fi procedura gudizzjarja, dan normalment jixhed l-abbuz tal-process gudizzjarju. F'dan ir-rigward inghad li ghalkemm ir-ragunijiet li ghalihom min ikun talab u kiseb il-hrug ta' Mandat kawtelatorju jista' jinsab hati ghad-danni ma jintrabtux biss mal-erba' cirkostanzi msemmija fl-artikolu 836(8), taht ir-regoli generali tar-responsabbilta' irid jintwera li tali persuna tkun mexxiet b'imprudenza, traskuragni jew nuqqas ta' hsieb ta' missier tajjeb tal-familja.' [Qorti Civili Prim'Awla : **Pawlu Attard noe vs Loreto Attard**, deciza fil-25 ta' Mejju 2005] ;

Il-kwistjoni mqajma f'din il-kawza li ghaliha dan it-Tribunal qed jaghmel riferenza kienet dwar jekk terza persuna milquta bl-esekuzzjoni ta' att gudizzjarju kawtelatorju bhalma hu l-kaz taht ezami, ghandhiex azzjoni ghad-danni kontra l-esekutant tal-imsemmi att jekk jirrizulta li l-istess att ikun inhareg b'mod abbuziv jew fuq raguni fiergha. Il-Qorti irriteniet li azzjoni bhal din tista' titressaq minn kull persuna li ggarrab hsara fi hwejjigha minhabba att gudizzjarju hekk mahrug. Ir-raguni ewlenija hi li, kif inghad, il-bazi tal-azzjoni huwa l-applikazzjoni tal-principju generali tar-responsabbilta' ghad-danni. Dak il-principju jrid li kull min igib hsara lil kull haddiehor b'ghamil jew

b'nuqqas li ghalih iwiegeb, irid jaghmel tajjeb ghal dik il-hsara. Il-ligi ma taghrafx jekk il-persuna mgarrba kinitx fil-hsieb jew fil-mira tal-persuna li tkun ghamlitilha dik il-hsara: il-kriterju huwa r-rabta bejn l-ghamil u l-hsara li dak l-ghamil ikun gab fuq il-persuna jew hwejjigha, Dan imbaghad igib ukoll il-konsegwenza li l-persuna li tallega li garrbet il-hsara jew dannu trid tipprova kif imiss il-hsara jew id-dannu mgarrab ;

Ezaminati l-fatti kollha m'hemmx dubbju li t-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni li saret mill-konvenut fil-konfront tal-atturi ma kienx l-uniku rimedju li kellu l-konvenut fic-cirkostanzi, u li ma rrikorriex ghalih huwa kien ser jispicca isoffri xi pregudizzju irrimedjabbli ghad-drittijiet, jew proprjament il-pretensjonijiet tieghu. Frankament jigi osservat fl-ewwel lok li ma kien hemm assolutament ebda htiega li l-mandat ta' inibizzjoni ntalab ukoll fil-konfront tal-atturi billi l-talba kienet tirrigwarda lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex tinzamm milli **<u>tiddeciedi</u>** l-applikazzjoni tal-atturi bin-numru 02781/06, u certament li l-atturi ma kienux ser jiddeciedu xejn u ma kellhom ebda awtorita' li jiddeciedu l-applikazzjoni huma, u ghalkemm l-applikazzjoni dwar l-izvilupp kienet tal-atturi ma kien hemm ebda htiega li r-rikors isir ukoll fil-konfront taghhom billi l-atturi ma kienu ser jiddeciedu xejn, izda kienet biss l-Awtorita' tal-Ippjanar li kienet sejra tiddeciedi l-applikazzjoni taghhom, u ghalhekk anke' jekk ghall-grazzja tal-argument it-talba tal-konvenut kif giet imfassla kellha tintlaqa', din kellha tintlaqa' biss fil-konfront tal-Awtorita' tal-Ippjanar, u mhux ukoll fil-konfront tal-atturi. Barra minn hekk, anke' kieku l-Awtorita' tal-Ippjanar kellha tiehu decizjoni dwar l-applikazzjoni tal-atturi, il-konvenut bhala *third party objector* kien ikollu dritt ta' appell mid-decizjoni tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Izvilupp quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, u anke' minn din id-decizjoni kien ikollu dritt ta' appell iehor quddiem il-Qorti tal-Appell dwar punti ta' ligi. Ghalhekk anke' li kieku l-Bord dwar il-Kontroll tal-Izvilupp kellu jiehu decizjoni fis-6 ta' Marzu 2008, dwar l-applikazzjoni tal-atturi, certament li din ma kenitx tkun wahda definittiva, kif iddikjara l-konvenut fir-rikors tieghu ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, izda minn dik id-decizjoni l-konvenut kellu dritt ta' appell.

Ghalhekk dan it-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikors ghall-hrug tal-mandat fil-kofront tal-atturi ma kienx hemm loku u jqisu li kien wiehed fieragh, ghalkemm ma jirravisax li dan sar mill-konvenut b'mod malizzjuz jew dolozament meta c-cirkostanzi dak iz-zmien mehudin mill-ottika tal-konvenut setghu nisslu fih certu biza' jew preokkupazzjoni. Dan qed jinghad indipendentement mill-fatt jekk din il-biza' jew preokkupazzjoni kenitx wahda fondata jew le, izda kien qed jinfirex certu ghajdut fost il-pubbliku tant li d-Dipartiment tal-Informazzjoni stess kien hass il-htiega li johrog avviz biex iserrah mohh il-pubbliku minn certu xnieghat li kienu qed jinxterdu fejn il-pubbliku kien gie mgharraf li l-laqghat tal-Bord ta' l-Aworita' ta' l-Ippjanar u tal-Kummissjonijiet ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp kienu gew kollha sospizi, kif jirrizulta mid-dokument MV2 a fol.24. Fil-fatt appena li l-konvenut sar jaf b'dan l-avviz, huwa rtira r-rikors tieghu ;

Madanakollu l-fatt li l-konvenut kien rtira r-rikors tieghu, b'daqshekk ma jfissirx li m'ghandux jaghmel tajjeb ghall-ispejjez li gew inkorsi mill-konvenuti, ghalkemm mhux necessarjament ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez kollha li qeghdin jippretendu l-atturi minghandu. Fil-fatt jirrizulta li fil-mori tal-kawza l-konvenut hallas lill-atturi l-ispejjez gudizzjarji kollha konnessi mal-mandat li kienu jammontaw ghal mija u ghaxar Euro (€110). Dan it-Tribunal huwa tal-fehma wkoll li l-konvenut ghandu jaghmel tajjeb ukoll ghall-ispejjez tal-perit arkittett l-AIC Anna Maria Attard Montalto, li l-atturi kellhom jinvolvu s-servizzi professjonali taghha biex kienu f'pozizzjoni li jiddefendu ruhhom ahjar ghall-mandat ta' inibizzjoni li kien ntalab fil-konfront taghhom ukoll, u dan minhabba n-natura prettament teknika li kien gie msejjes fuqu r-rikors tal-konvenut. L-assistenza ta' perit arkittett fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u meta l-Qorti li quddiemha sar ir-rikors ghall-hrug tal-mandat riedet tiddeciedi l-pretensjonijiet tal-attur fuq il-bazi tal-*prima facie*, dan it-Tribunal ma jqishiex li kienet wahda kappriccjuza u ghalhekk iqis il-pretensjoni tal-atturi ghar-reklam tal-ispejjez tal-perit bhala wahda gustifikata ;

Ma ngabet ebda prova mill-atturi pero' li l-attur Mario Vella ha tliet ijiem lif mix-xoghol li taghhom qed jitlob ukoll il-hlas. Il-prova li ngabet kienet biss tad-dhul annwu tieghu mill-impjieg tieghu mal-kumpannija M.P.J. Limited u mix-xofghol *part-time* li ghandu mal-kumpannija Gozo Farmhouses Limited, pero' l-attur baqa' ma gab ebda prova a soddisfazzjon ta' dan it-Tribunal li fil-granet tas-6, 13, u l-14 ta' Marzu 2008, l-attur kien talab lif mix-xoghol tieghu minn mal-kumannija M.P.J. Limited. Id-dokumenti dwar id-dhul tieghu kien ikollhom rilevanza kemm –il darba l-attur gab il-prova li fil-jiem imsemmija huwa hadom lif mix-xoghol, li korroborata ma' fatti cirkostanzjali ohra kienet tkun bizzejjed ghall-konvinciment ta' dan it-Tribunal li huwa ha dan il-lif biex imur Malta in konnessjoni mal-mandat li sar fil-konfront tieghu u ta' martu, prova pero' li hija assolutament mankanti mill-atti bhalma hija wkoll mankanti l-prova li fil-granet imsemmija l-attur kien gie mitlub li jidhol xoghol mal-kumpannija l-ohra Gozo Farmhouses Limited, u li kien irrifjuta x-xoghol minhabba l-impenn tieghu li jinzel Malta in konnessjoni mal-mandat ta' inibizzjoni ;

Lanqas ma ngabet ebda prova dwar l-ispejjez tat-tragitt, li almenu l-esibizzjoni tal-biljetti tal-vapur mehuda fid-dawl ta' provi cirkostanzjali ohra, kienet tkun prova bizzejjed ghall-konvinciment ta' dan it-Tribunal li l-atturi qassmu ghal Malta fil-granet imsemmija, u bil-vettura. Mill-assjem tal-provi jidher li l-atturi kienu determinati mill-bidu nett li jiehdu dawn il-passi fil-konfront tal-konvenut, u ghalhekk kien jispetta lilhom li jgibu l-ahjar prova dwar id-danni minnhom reklamati ;

Anke' a rigward il-pretensjoni tal-atturi li jitolbu minghand il-konvenut l-ispejjez extra- gudizzjarji li skonhd huma, hallsu lill-Avukat Francesco Depasquale, dan it-Tribunal lanqas ma jqis it-talba taghhom wahda gustifikata. L-ewwel nett mill-atti jirrizluta li l-atturi ma segwewx il-procedura kontemplata taht l-artikolu 556 tal-Kap.12 dwar l-intaxxar ta' drittijiet extra-gudizzjarji. Il-paragrafu 47(a) tal-Iskeda E tat-Tariffa A tal-Kap.12 jippermetti lill-Avukat u lill-klijent li jilhqu ftehim fuq dritt, jew il-bazi ta' kif ghandu jigi stabbilit id-dritt ghas-servizzi professjonali tieghu li

jkunu differenti minn dak stabbilit bil-ligi, haga li jidher li hekk sar f'dan il-kaz billi l-atturi hallsu dak li talabhom l-Avukat Depasquale. Madanakollu s-sub-paragrafu (b) jaghmilha cara li 'Ebda haga li tinsab fis-sub-paragrafu (a) ta' dan il-paragrafu m'ghandha tolqot l-intaxxar ta' drittijiet bejn il-partijiet involuti f'atti jew procedimenti gudizzjarji jew dwar xoghol extra-gudizzjarju minn Avukati jew Prokuraturi Legali li jkollhom jithallsu mill-parti l-ohra, li ghandhom jigu regolati esklusivament skond il-paragrafi ta' qabel ta' din it-Tariffa' (sottolinear tat-Tribunal). F'dan il-kaz l-atturi riedu jitolbu li tinhargilhom mir-registratur taxxa ufficjali ghax-xoghol extra-gudizzjarju tal-avukat li nkarigaw huma, li mbaghad riedet tigi resa esekuttiva b'ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 256(2) tal-Kap.12, haga li jirrizulta li ma saritx f'dan ir-rigward ;

Ghaldaqstant ghall-motivi premessi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi filwaqt li jichad il-bqija tal-eccezzjonijiet tal-konvenut, qed jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' mija u erbgha Euro u erba' u erbghin centezmi (€104.44), u jikkundanna lill-konvenut ihallashom din is-somma bl-imghaxijiet mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba sal-eventwali hlas effettiv.

L-ispejjez tal-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-konvenut u kwart (1/4) mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------